



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-38/10

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Ir-Repubblika Portuġiża

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 49 TFUE — Leġiżlazzjoni fiskali — Trasferiment tad-domiċilju fiskali — Trasferiment ta’ assi — Taxxa tal-ħruġ immedjata”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tas-6 ta’ Settembru 2012

1. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Suġġett tat-tilwima — Determinazzjoni matul il-proċedura prekontenzjuża — Obbligu għall-Kummissjoni li tistabbilixxi lmenti fl-ittra ta’ intimazzjoni, minn naħħa, u fl-opinjoni motivata u r-rikors min-naħħa l-oħra, li jkunu identiċi — Nuqqas — Inammissibbiltà*

(Artikolu 256 TFUE)

2. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Dispożizzjonijiet tat-Trattat — Kamp ta’ applikazzjoni*

(Artikolu 49 TFUE)

3. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni fiskali — Trasferiment tas-sede u tal-amministrazzjoni effettiva ta’ kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali, jew trasferiment tal-assi ta’ stabbiliment permanenti ta’ kumpannija li ma hijiex residenti, li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, lejn Stat Membru ieħor — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-impożizzjoni immedjata tal-qligħ kapitali moħbi relativi għall-assi ttrasferiti — Inammissibbiltà*

(Artikolu 49 TFUE)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punti 15, 16)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punti 24-26)

3. Jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 TFUE Stat Membru li jadotta u jżomm fis-seħħi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-taxxa fuq id-dħul tal-persuni ġuridiċi, applikabbi f'każ ta’ trasferiment, minn kumpannija rregolata mid-dritt nazzjonali, tas-sede statutorja tagħha u tal-amministrazzjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor jew f'każ ta’ trasferiment, minn kumpannija li ma tirrisjedix f'dan l-Istat Membru, ta’ parti jew tal-assi kollha relatati ma’ stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju tiegħu, lejn Stat Membru ieħor, u li jipprovd għall-intaxxar immedjat

MT

tal-qligħ kapitali moħbi relativ għall-assi kkonċernati, iżda mhux għall-intaxxar tal-qligħ kapitali moħbi li jirriżulta minn tranżazzjonijiet purament nazzjonali. Fil-fatt, tali kumpannija hija ppenalizzata finanzjarjament meta mqabbla ma' kumpannija rregolata mid-dritt ta' dan l-istess Stat Membru, li tillimita operazzjonijiet simili għat-territorju ta' dan l-aħħar, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament tkun tista' tīgi ġustifikata minn differenza ta' sitwazzjoni oġġettiva.

(ara l-punti 27-29, 35 u d-dispożittiv)